MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 21/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Grech)**
**Vs**
**Tony Armando Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 t'April, 2006 u matul l-ahhar erba' xhur qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita'

moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D ta' nhar l-1 ta' Novembru, 2002, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar , 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 18 u 28A tal-Kap. 9, kif ukoll it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a)(22)(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellant hati tat-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' erba' snin u nofs prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €

931.75 (LM400). Il-multa tista' tithallas b'rati ta' € 93.17 (LM40) fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Il-jiem kollha li l-appellant ghadda taht arrest preventiv ghandhom jitnaqqsu mill-piena ta' prigunerija.
Inoltre, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura matul il-proceduri, jigifieri dawk ta' l-esperti analista (LM104.43) kif ukoll ta' l-espert li ezamina l-mobile (LM109.27) total ta' LM213.70 (€ 495.16) li ghandhom jithallsu fi zmien xahar. Jekk ma jithallsux dawn jistghu jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni ta' l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-droga mir-Registratur tal-Qorti w li jinghata lura l-mobile tal-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar is-sejbien ta' htija dwar il-pussess, tibdilha dwar l-ispacc u minflok tapplika l-provvedimenti dwar ix-sharing limitatament ma' Mario Muscat, u tirriformaha dwar il-piena wkoll dwar it-tielet akkuza tal-ksur tas-sentenza sospiza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- ir-reat dedott ta' spacc ta' droga ma kienx imissu jirrizulta sodisfacentement. Waqt li ma Mario Muscat kien hemm *"sharing",* ma Boughrara ma kienx hemm hlief glied, inkwiet u vendikazzjonijiet da parti tieghu lejn l-appellant. Mario Muscat jghid li kien hemm ghoti bi flus izda meta l-Pulizija fittxet, kull ma sabet kienet lira. Meta suppost li kellu fuqu LM10 li kien ghadu kif tah Muscat. Ma nstabitx droga ghand l-appellant hlief siringi li hu kien

juza. Bughrara kien maghruf mall-Pulizija fuq id-droga w ghandu pendenzi dwar importazzjoni. Kien attakka lill-familja ta' Zahra. L-Ewwel Qorti emmnitu imma ma kellux jitwemmen. Rigward il-pussess, l-appellant ammetta li hu stess kien *user*. Dwar il-piena, l-piena adegwata ma kelliex tkun sentejn u nofs prigunerija mizjuda ma sentejn ta' sentenza sospiza. Ghandu jkun hemm temperament fil-piena u l-Qorti mhux eskluza milli tapplika jew testendi s-sentenza sospiza fuq il-pusses u s-*sharing.*

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell dwar il-mertu jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti. Illi gie dejjem ritenut li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti sakemm dan ma jkunx manifestament zbaljat u dment li l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li kellha quddiema setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-decizjoni li biha ssib htija. Il-principji ta' dritt li ghandhom jispirawha meta tigi msejjha biex tirrevedi d-decizjoni tal-gurija jew tal-Qorti tal-Magistrati fuq l-apprezzament tal-fatti gew stabbiliti fis-sentenza tal-24 t'April, 2003, fil-kawza **""Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** fejn gie citat b' approvazzjoni dak li rritjena LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been*

*done , then , very exceptionally, a conviction will be quashed*." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Axiaq"** deciza fit-23 ta' Jannar, 2003 minn din il-Qorti nghid illi :-

"*Huwa appena necessarju li jigi rilevat illi hawn qeghdin f'kamp delikat peress li, trattandosi ta' apprezament tal-provi – ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri – din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament li huma ghamlu , anki jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu , jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruha f' ezercizzju ta' x' konkluzzjoni kienet tasal ghaliha li kieku kellha tevalwa l-provi migbura fil-prim'istanza , imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurati , inkwadrat fil-provi prodotti , setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom . Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx .*" (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti , fis-7 ta' Marzu, 2000 fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino"**

Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.

Din il-Qorti ghalhekk fliet bir-reqqa l-process biex tara jekk kellhiex tirrizulta l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, i.e., dik li forna jew ipprokura d-droga eroina.

Ikkonsidrat;

Li mill-assjem tal-provi jidher li l-Ewwel Qorti fis-sentenza ben motivata taghha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li hi waslet ghaliha. F' zewg kazijiet separati l-Pulizija tad-Drug Squad kienu osservaw zewg persuni jaghmlu kuntatt mal-appellant, segwewhom, waqqfuhom u sabulhom id-droga eroina. Dawn iz-zewg persuni w cioe' Mario Muscat u Abduouf Boughrara, meta gew interrogati , t-tnejn ikkonfermaw li kienu akkwistaw id-droga in kwistjoni minnghand l-appellant. Minkejja li l-appellant jichad li qatt biegh droga lil Boughrara w jghid li ma Muscat kien jaghmel biss *sharing*, fl-okkazzjoni meta Muscat gie osservat ikollu kuntatt mall-appellant u wara nstab fil-pussess tad-droga, dan zgur li ma kienx kaz ta' *sharing*.

Illi anki jekk kellu jigi applikat a beneficcju tal-appellant l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kap.101, li gie introdott, bl-Att XVI ta’ l-2006, li jipprovdi hekk:

**“Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn</u>, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu…”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja"** [5.5.2008]:- *"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser*

*tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem **"flimkien**" u **"fl-istess post**" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."* (ara ukoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Marco Galea"** [5.5.2008]

Issa, ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' wiehed jitkellem dwar xi forma ta' "*sharing*", ghall-inqas fl-incident tal-5 ta' Frar, 2006 fejn wara li PS 1044 Gordon Calleja w PC 213 Nicolai Borg kienu osservaw lil Mario Muscat jaghmel kuntatt ta' ftit hin mall-appellant, Muscat telaq ghall-ghonq it-triq, segwewh u sabulu d-droga fil-car tieghu. Dak li jiddeskrivu dawn iz-zewg xhieda u l-istess Muscat - u li l-ewwel qorti accettatu bhala veritjer – kien traffikar fil-forma klassika tieghu u ma sar, jew kien hemm il-hsieb ta', ebda kunsmar "**fl-istess post" u "flimkien ma' ohrajn"**; fi kliem iehor ma kien hemm ebda kwistjoni ta' *"sharing".*

Inoltre Muscat xehed li kien xtara d-droga eroina minnghand l-appellant diversi drabi precedentement u qatt ma semma li kien jikkunsmaha flimkien mal-appellant u fl-istess post, kif jallega l-appellant. Din il-Qorti ma tarax ghala Muscat ma kellux jigi emmnut mill-Ewwel Qorti kif fil-fatt sar.

L-istess, il-fatt li seta' kien hemm xi diverbji jew incidenti bejn Boughrara w it-tfalja tal-appellant, ma jgibx fix-xejn il-

versjoni ta' Boughrara li kien akkwista l-eroina minnghand l-appellant. Dan ukoll kien gie osservat jaghmel kuntatt mall-appellant mix-xhud PC 213 Borg, fid-9 t' April, 2006. Fil-fatt kienet waqfet Escort bajda fejn ir-residenza tal-appellant u nizel Boughrara u ghamel kuntatt mall-appellant. Dan rikeb fil-karozza w telaq u l-Pulizija segwewh sakemm waqqfuh l-Imsida. Hemm sabulu trab kannella suspettat eroina. Ghalhekk hawn Boughrara hu korroborat minn xhud indipendenti PC Borg u s-sekwenza ta' kif sar il-kuntatt u s-sejba tad-droga, ma thalli ebda dubju dettat mir-raguni f' mohh din il-Qorti li dan kien kaz ta' fornitura ta' droga mill-appellant lil Boughrara w xejn izjed.

Il-fatt li fid-dar tal-appellant waqt is-*search* ma nstabux flus jew droga ohra, hija prova negattiva w zgur li ma tannjentax il-prova skjaccanti li gejja mix-xiehda ta' Muscat u Boughrara kif korroborata mix-xhieda PS Calleja u PC Borg. Anki jekk dak li nstab kien jindika uzu tal-istess droga eroina mill-appellant - fatt ammess minnu stess - il-fatt li wiehed ikun jaghmel uzu mid-droga ma jfissirx li ma jkunx ukoll *a sua volta* spaccatur. Anzi hafna drabi jigri li dak li jkun, biex jiffinanzja l-vizzju tieghu, jidhol ukoll biex ibiegh u jforni d-droga .

Ghalhekk l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni qed jigu respinti bhala infondati.

Illi ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena gie dejjem ritenut li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F' dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi fejn il-massmu tal-piena kien ta' ghaxar snin prigunerija oltre l-multa. Inoltre meta attivat is-sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija, l-Ewwel Qorti kienet pjenament in regola u zgur li ma kienx il-kaz li t-terminu tas-sospensjoni jigi estiz  kif talab l-appellant fir-rikors tal-appell, specjalment meta wiehed jifli sew il-

fedina penali refrattarja ghall-ahhar tieghu. Minn din jirrizulta li mill-1990 sal-lum l-appellant instab hati mill-Qrati mhux inqas minn tlieta w ghoxrin (23) darba, fosthom ta' reati ripetuti ta' serq aggravat, pussess tad-droga eroina , attakk u rezistenza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija. Hu gie kundannat ghall-pieni karcerarji mill-inqas tlitt darbiet u erba darbiet ohra nghata sentenza ta' prigunerija sospiza w dan apparti drabi li fihom tpogga taht *probation*, inghata liberazzjoni kondizzjonata jew gie immultat. Certament li b' fedina penali bhal din kull talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-piena tirrazenta l-appell fieragh.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. It-termini ffissati mill-Ewwel Qorti ghall-hlas tal-multa w l-ispejjez peritali jibdew jiddekorru mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------